MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 1062/2006

**Emanuel Zahra (ID788451M)**

**vs**

**Josianne Azzopardi (ID340784M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrent datat 24 ta’ Novembru 2006 u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-intimata Josianne Azzopardi debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehret.

Peress li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fir-rikors jidhru gustifikati u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tar-rikorrent**, b'dan illi:

(2) Tikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' hamest' elef, erba' mija wiehed u disghin Liri Maltin (LM5,491) oltre l-imghax bit-tnejn fil-mija (2%) mill-ewwel ta' Lulju elfejn u hamsa (1/07/2005) sad-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors, u bit-tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------